



# *Tagħrif fuq Ignatio Sammut wieħed mill-fundaturi tal-każin tal-Bagri*



Ignatio Sammut twieled fit-2 ta' April 1884. Kien il-ħdax-il wild minn tnax, li kellhom Calcedonio u Caterina neè Mallia. Fl-24 ta' Lulju, tal-1909, iżżewweġ lil Lonza neè Xuereb u kellhom ħamest itfal: Carmela, Maria Stella, Francesco, Giuseppe u Luigi. Romol wara 23 sena żwieġ u baqa' armel ħajtu kollha.

Minn età żgħira kien wera interess u passjoni lejn il-mużika. Għall-bidu kien jiffrekwenta l-Banda *Duke of Connaught*, magħrufa aħjar bħala *Tal-Għama*, iżda maż-żmien kien wieħed mill-fundaturi tal-każin tal-Banda St. Elena, jew kif inhu aktar magħruf bħala *Tal-Bagri.*

Minn rakkonti li ġbart mingħand bintu Maria Stella Sammut f'Awwissu tal-2009, meta kellha 89 sena nsibu dan:

"Missieri kien studja l-mużika ma' Nani u Diacono. Kien idoqq il-kurunetta u spiċċa mar ukoll l-Italja wara li kiteb operetta bl-isem ta' *La Neutralità d'Italia.* Kienu ppreżentawh bi tliet midalji - waħda tad-deheb, l-oħra tal-fidda u l-aħħar waħda tal-bronż, kif ukoll ċertifikat.
Kien ukoll wieħed mill-fundaturi u surmast mal-każin tal-Bagri. Beda jgħallem lill-allievi, li kienu jiġu d-dar tagħna fi Triq Kostantinu. Kellna sala kbira bil-pjanu, u lil min jgħallmu l-mużika, lil min il-pjanu, il-mandolina u l-istrumenti kważi kollha.

Niftakar li fid-dar kellna mandolini, kitarri, pianolas, flawtijiet... kollox għall-banda. U l-għafsa ta' qalb li kellu kienet li mit-tliet subien ħuti, ħadd ma ried jaf bil-mużika.

Dak iż-żmien, il-każini tal-banda kienu l-postijiet għall-mogħdija taż-żmien tal-irġiel. Ma' missieri, jaħdmu bla heda, niftakar lil Ġanni Arnellu u lil Wiġi Prisu.

Okkażjoni li żejnet lil Birkirkara kienet meta l-bandisti tad-*Duke of Connaught* żanżnu l-uniformi tad-Duka għall-ewwel darba. Kienet uniformi sabiħa mmens. Aħna konna mistednin, għax għalkemm missieri kien surmast mal-każin tal-Bagri, kien maħbub u mfittex għal ħafna pariri. Terġa' dak iż-żmien ma kienx hawn il-pika li żviluppat fl-aħħar snin, tant li meta miet missieri, kien akkumpanjat miż-żewġ baned.

Sabiħa wkoll, u kienet ġrajja ta' ferħ kbir għal missieri, meta fil-karnival, il-bandisti tal-Bagri kienu libsu ta' Indjani u rebħu l-ewwel post. Kienu żżejnu b'imsielet magħmulin mit-tappini tal-fliexken tal-luminata li kienu ilhom żmien twil ifaddlu. Imbagħad kien ħa lill-bandisti għall-ewwel darba jdoqqu Tunes. Lill-każin kien tah saħħtu. Għallem lil bosta mużiċisti u kieku qatt, f'Milied, ingħata xi ħaġa. Mhux għax kien jippretendi, iżda għax kien sar jaf li ħaddieħor kien jingħata."

**Iżda min kien fil-verità Ignatio u x'kien jagħmel?**

*Tkompli tirrakkonta Maria Stella:*

"Missieri kien jaħdem it-tabelli tal-ħwienet. Darba ħadem waħda indurata għal sinjur minn Tas-Sliema. Fuq in-naħa ta' barra tagħha kienet miksija bi ħġieġa. Kien jgħaddi mit-triq ta' ħdejn l-Oratorju, biex iqassar. Miegħu kellu jgħinu raġel ieħor, Kelinu Sufinu.

Meta waslu għand is-sinjur, dan ħareġ u ħares fiss lejha. Il-ħġieġa xxaqqet. Missieri beka għal dan il-fatt, iżda s-sinjur ġiegħlu jtellagħha f'postha għax qallu li kien hu li qasamha, b'għajnejh.



Xħin ġie d-dar u rrakkonta x'kien ġara lil ommi, din bdiet tixher ukoll u beżgħet li issa jiġri xi ħaġa lil missieri. Tabilħaqq hekk ġara. Dam marid tliet xhur."

**U x'kien li Ignatio telaq bil-familja minn Bwieraq?**

"Fil-Bwieraq, fejn konna noqogħdu, kien hemm ħafna nies poġġuti. Minħabba ġlieda li nqalgħet bejn ommi u mara oħra, kellna nitilqu mid-dar u morna fi Triq Imsida. Fit-triq kien joħroġ Wiġi l-Bumbisk b'xadina. Kien joqgħod ibandalha. Ix-xadina hi annimal pastaż. Darba ommi kienet dieħla d-dar u Wiġi ħareġ lil din l-imbierka xadina, li bdiet tagħmel mossi psataż quddiemha. Ommi tatu tagħjira mill-kbar, li ma stenniex. Niftakarha fl-aħħar tgħidlu: "Ara ma tħarisx lejn wiċċi, ja maħmuġ." Ħarġu bosta rġiel mill-każin tal-Bagri u qalulha: "Lonz, ibqa' sejra," għax kienu jafu li dan Wiġi kien jagħti fastidju lin-nies.

Imbagħad darba, ħabiba ta' Wiġi qalet lil ommi: "Ara, tridha tas-sinjura." Ommi, li qajla kont taraha fit-triq, għamlet għamla għaliha, tatha xebgħa u qaċċtitilha widintha bil-misluta li kellha mdendla. Ittellgħu l-Qorti, iżda ommi ma weħlet xejn, għax l-irġiel tal-każin xehdu favur tagħha. Imbagħad qalu lil missieri, li jkun aħjar iġorr u jmur xi mkien ieħor. Fil-Bwieraq kellna dar sabiħa.

Mara tal-Museum qalet lil missieri, li ħdejha kienet se toħroġ familja. Ommi niżlet tara d-dar, 189, Triq Imsida u lil missieri qaltlu li setà jieħu sodda, għax kienet se tibqa' fid-dar il-ġdida."

**Allura għal dak iż-żmien, kellu skola?**

"Missieri kienu 11 subien u tifla waħda. Fi żmienhom ma tantx kien hawn skola, iżda minnhom, lil missieri biss bagħtet ommi, għax hu ried li jistudja. Tant hu hekk li kien tgħallem sewwa bit-Taljan, bl-Ingliż u bil-Ġermaniż. Ħutu kollha marru jaħdmu bħala bennejja."

Ignatio miet fil-25 ta' Novembru tal-1949, fl-għomor ta' 65 sena.

*Charles B. Spiteri*

## *Iż-żewġ fundaturi l-oħra tal-każin tal-Bagri*



**Ġamri Grima**



**Ġanni Grech Duka**